**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 11/2025**
**27 ta' Frar 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-5:40p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (Ġie skużat fis-7.30pm)
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Kylie D'Amato – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Il-Kunsilliera D'Amato tinsab indisposta

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10 u 10A

Il-Minuti tal-Laqgħa **10-24** IX ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mill-Kunsillier Dr Sciberras u sekondant l-Kunsilliera Debattista.

Il-Minuti tal-Laqgħa **10A-24** IX ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir emenda: Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-laqgħa dwar iċ-ċentru ċiviku issir waqt seduta u tkun parti mill-Agenda, filwaqt is-Sindku issuġġeriet li l-ewwel isir brainstorming bejn il-Kunsilliera waqt laqgħa informali. Il-minuti ġew approvati mill-Kunsillier Dr Sciberras u sekondant l-Kunsilliera Debattista.

11.3 Mozzjoni b'Urġenża

Il-Kunsillier Sciberras talab Mozzjoni b'urġenza issekondata mill-Kunsilliera Debattista sabiex ċertu komunikazzjoni mis-Sindku jibdew jiġu mibgħuta permezz ta' email jew Memo, peress li dan qed jieħu ħin

twil. Is-Sindku rrimarkat li din mhix mozzjoni b'urġenza, minħabba li setgħet ġiet mibgħuta qabel. Is-Sindku nfurmat li hi tiddeċiedi x'komunikazzjoni ser tgħaddi matul is-seduta. Il-Kunsillier Sciberras qal li l-proċeduri legali tagħti lok li dan isir. Din il-mozzjoni ma ġietx mgħoddija bil-Casting Vote bħala Sindku.

### 11.4 Ħatra ta' Impjegat ġdid – Skala 15

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ħarġet is-sejħa interna fost il-ħaddiema tal-Kunsill Santa Luċija, u applika persuna waħda, u ser nikkordinaw sabiex issir l-interview.

### 11.5 Approvazzjoni tal-Buisness Plan (2025-2028)

Is-SE infurmat li dan il-Buisness Plan ġie approvat ġa f'Settembru 2024 iżda issa qiegħed jiġi preżentat bil-format it-tajjeb.

### 11.6 Evalwazzjoni tender – Proġett tal-H.A (stairlifts u rampi)

Is-Sindku infurmat li l-evaluation tat-tender għadu mhux lest minħabba li saret rectification.

### 11.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.7.1 Is-Sindku ippreżentat lill-Kunsilliera statistika ta' laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Frar 2025 (Annex 1).

11.7.2 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill rċieva t-talba mill-Parroċċa ta' Santa Luċija għan-**No Objection** tal-Purċissjoni tad-Duluri, Via Sagra, l-purċissjoni tal-preċett u Corpus. Il-Kunsill approva.

11.7.3 Is-Sindku qrat korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand is-**Surmast Christopher Higgans** dwar kummenti li għaddiet l-Kunsilliera Debattista dwarhu (Annex 2). Il-Kunsilliera Debattista rrimarkat li mhux ser tirtira l-kummenti tagħha minħabba li hi interpretat l-atteġjament tiegħu bħala wieħed aggressiv.

11.7.4 Is-Sindku infurmat li ġew imsemmija b'mod uffiċjali: **Spazju Rikreattiv Raymond Mahoney** (Kittieb u Poeta 1949-2023) u **Trejqet Ġensna**, kif ukoll nbidlu xi numri ta' bibien ta' **Triq Kaħwiela**. (Annex 3).

11.7.5 Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-2 electric wheelchairs ġiet approvata mill-**Permanenet Sustainable Mobility Measure 2024**. Il-Kunsilliera Debattista irrimarkat li jekk ser jiġu użati għall-madwar Santa Luċija, ser ikun hemm periklu għal min ser jużahom. Is-Sindku infurmat li bħalissa qed tiġi ippreparata l-policy sabiex tiġi mgħoddija għall-kummenti tal-Kunsill.

11.7.6 Is-Sindku talbet l-IM sabiex tiċċekken il-bankina ta' **Vjal Oleandri k/m Dawret it-Torri**. Il-Kunsill qabel li ser jitlob lil perit sabiex jipprepara pjanta u BOQ sabiex tiġi mċekkna l-bankina u l-Belishia light tersaq iżjed il-ġewwa minħabba li qedha fit-tarf.

11.7.7 Is-Sindku infurmat li l-AKL ser joffri taħriġ tas-**SAGE u Bookeeping**. Il-Kunsill approva li jħallsu €550/kull persuna sabiex tattendi s-SE u impjegata tal-Kunsill.

11.7.8 Is-Sindku qabel is-seduta għaddiet rapport ta' **Horticultural Consultant** - Peter Calleja (Annex 4) dwar il-kundizzjoni tal-jogging track. Wara laqgħa li saret ma Project Green, dawn qablu li ser jieħdu ħsieb li jranġaw il-ġnien. Is-Sindku fakkret li l-kuntrattur tal-ġonna huwa b'Direct Order, u li qed tiġbor il-quotes sabiex jinbidel il-kuntrattur.

**11.7.9** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li **PA/05910/23** (Dawret it-Torri) ġie approvat u l-Kunsilliera qablu li jappellaw mal-EPRT iżda l-Viċi Sindku astjena. Is-Sindku ser tinforma lill-Dr Bonello sabiex tipprepara l-appell.

**11.7.10** Is-Sindku infurmat li TM approvaw il-**Belishia Crossings** ta' Vjal Oleandri u t-toroq tal-ġnub. Il-Belishia Crossing li ġiet proposta fil-bidu ta' Vjal Oleandri ser titmexxa kantuniera l'isfel minħabba li l-applikazzjoni kienet għal quddiem l-Stage BEGONJA.

**11.7.11** Is-Sindku qrat talba mingħand l-**FSWS** għall-użu tat-tea room kull 3 xhur. L-ewwel laqgħa ser issir nhar it-22 ta' April 2025. Il-Kunsill approva mingħajr ħlas.

**11.7.12** Is-Sindku qrat talba mingħand d-Dipartiment tal-Edukazzjoni (**Maths Venture 2025**) għall-użu tal-Ġnien Ċiniż nhar id-29 ta' April 2025. Il-Kunsill approva mingħajr ħlas.

**11.7.13** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija lis-Skemi 2025. Il-Kunsill qabel li għall-**SPI.SCI.02.2025** tipo ta' Serata Maltija, li ssir fil-bidu ta' Lulju 2025 li għaliha hemm fond ta' €20,000 u l-Kunsill jrid joħroġ €3000.00. Il-Kunsill approva unanimament.

L-Iskema **SPI.SCI.03.2025** tal-Lokalitajiet Nodfa ser napplikaw bħas-sena l-oħra li ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Sciberras.

Għall-iskema **SPI.SCI.06.2025** is-Sindku issuġġeriet li tiġi mibnija storage room bl-ilma u dawl ukoll wara l-kamra tal-ħaddiema jew ħdejn il-public convenience fi Ġnien is-Serenita. Is-Sindku nfurmat li għal din l-skema u l-bqija tal-skemi, ser terġa tiġi mibgħuta l-korrispondenza għall-iżjed suġġerimenti.

**11.7.14** Is-Sindku infurmat li rċivejna r-rapport mingħand l-arborista mqabbad mill-kuntrattur dwar diversi siġar li huma mejtin/ta' periklu. L-arborista ikkonferma li ċ-**ċipressa** ta' Triq il-Prinjoli qedha perikoluża għalhekk hemm bżonn li tinqala u titħawwel siġra oħra (Annex 5)

**11.7.15** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li għall-iskema tal-**Gimgħa Mqaddsa tar-Reġjun Nofsinhar** ġew approvati l-Mixgħela u l-Passover meal. Il-Kunsillier Sciberras talab li apparti invit għall-kunsilliera, jiġi mibgħut invit lill-President tar-Reġjun (Annex 6). Is-Sindku infurmat li ser titlob stima tal-ispejjeż mingħand il-partijiet involuti sabiex naraw kif ser jinqasmu l-fondi.

**11.7.16** Is-Sindku rċeviet korrispondenza mingħand resident minħabba n-**nuqqas ta' parkeġġ** fi Triq il-Prinjoli. Bħala kunsill qabel li bħala soluzzjoni immedjata titneħħa l-kaxxa s-safra ta' quddiem il-garage tal-Kunsill u jsir parkeġġ, peress li dan għalissa mhux jintuża. Il-Kunsill qabel li meta jirċievi applikazzjoni għall-Communal, il-Kunsill jieħu in konsiderazzjoni l-problema ta' parkeġġ f'din it-triq (Annex 7). Il-Kunsillier Sciberras issuġeriexa li jsir underground parking mill-ħajt ta' Triq Mable Strickland sa Triq l-Għansar, iżda is-Sindku rrimarkat li hemmhekk huwa Heritage u dan il-proġett ser jieħu t-tul ta' żmien. Is-Sindku infurmat li ser tibgħat ukoll għall-pjanti ta' 21 ta' Settembru Flats wara suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras minħabba li qabel kien pjanat li dawn l-flats jintużaw bħala home. Rigwar il-caravan li ilu pparkjat fi Triq il-Prinjoli, is-Sindku ser tinforma lill-Community Police.

**11.7.17** Is-Sindku qrat talba mingħand il-**Malta China Friendship Society** li talbu għall-użu tat-tea room nhar il-25 ta' April 2025 fis-6.30pm. Il-Kunsill approva li ssir mingħajr ħlas, iżda jħallsu għall-overtime tal-ħaddiem.

**11.7.18** Is-Sindku talbet spjegazzjoni mill-Kunsillier Sciberras sabiex tiġi rranġata l-**problema tal-ilmijiet** f'diversi toroq madwar Santa Luċija (Annex 8). Il-Kunsillier Sciberras spjega li jsiru culverts minn Triq il-Pepprin, Triq il-Pensjeri, Triq Għeneb id-Dib, Triq Iris, Triq Lellux, Triq Maria De Domenicis, Triq M Mifsud li l-ilma jmur kollhu għal ġol-ġibjun. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras sabiex jgħaddi dan id-dokument sabiex tgħaddi din it-talba lill-IM.

**11.7.19** Il-Kunsillier Sciberras informa lill-Kunsill li rċieva petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq Pensjeri li qed jitolbu (Annex 9):

- One way ħlief għar-residenti bi ħruġ minn Triq Pepprin, li din tkun monitored mill-LESA
- One way minn Triq Bwieraq u d-dħul minn Triq Pepprin
- Installar ta' Sleeping police
- Bollards fuq kull naħa (ġa teżisti waħda)

Is-Sindku infurmat li l-sleeping police ser joħloq inkonvenjent lir-residenti u infurmat li għal dawn il-proposti ser napplikaw wara li jkollna l-firem u d-dokumentazzjoni neċessarji għall-approvazjoni ta' TM. Il-Kunsill approva u qabel li l-ewwel jibdew bil-proposta tal-one way.

**11.7.20** Is-Sindku infurmat li filgħodu l-Kunsill irċieva l-ewwel korrispondenza minn IM sabiex issir **charging point** fi Triq il-Ġibjun. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li fl-ebda ħin l-Kunsill ma ġie infurmat dwar din ic-charging point qabel illum, dan wara l-kummenti li ntqalu fil-whatsapp group ta' bejn il-Kunsilliera. Wara suġġeriment tas-Sindku, l-Kunsill approva li c-charging point tiġi fi Triq Klematis faċċata ta' Triq il-Kaħwiela (fejn l-arblu) u mhux fi Triq il-Ġibjun.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu milli jibqa' għas-seduta.

**11.7.21** Il-laqgħa informali għal ideat dwar iċ-**ċentru ċiviku** ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu 2025 fil-5.00pm ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsillier Sciberras talab li għas-seduta formali jissemmew il-punti li ġew msemmija sabiex ir-residenti jkunu infurmati. Il-Kunsill approva.

**11.7.22** Is-Sindku infurmat li l-minuti għall-laqgħa li saret mal-**Ministru Clifton Grima** nhar 19 ta' Frar 2025 ġew mgħoddija qabel is-Seduta (Annex 10). Il-Kunsilliera Debattista kjarifikat li hemm bejn 45-50 parkeġġ f'Dawret it-Torri u mhux 21 parkeġġ kif ġie msemmi fil-laqgħa mal-Ministru. Is-Sindku infurmat li nhar is-Sibt 1 ta' Marzu 2025 ser issir laqgħa ma Santa Luċija FC fejn ser titlob li jingħata l-parkeġġ kollhu lura jew tinstab soluzzjoni oħra. Is-Sindku qalet li ser tkun qed titlob 45-50 parkeġġ lura.

**11.7.23** Wara mistoqsija tal-Kunsilliera Debattista dwar it-tindif fl-akwata ta' fejn hu propost il-**krematorju**, is-Sindku tkellmet mas-SE ta' Raħal il-Ġdid fejn infurmaha li ma ġewx infurmati dwar żvillupi ġodda.

**11.7.24** Is-Sindku infurmat li l-minuti għall-laqgħa li saret mal-Public Works dwar is-**Securities** ta' Ġnien is-Serenita nhar 21 ta' Frar 2025 ġew mgħoddija qabel is-Seduta (Annex 11). Is-Sindku issuġġeriet li CCTV cameras isiru:

- Jħarsu lejn kull kamra
- Fuq il-pond li jħarsu lejn kull angolu
- Fl-entrata
- Jħarsu fuq it-toilets
- Jħarsu fuq il-gazebo

Il-Kunsill approva l-minuti u kif ser jsiru l-CCTV cameras.

11.7.25 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera jekk hux ser tinħareġ tender għall-**Street Sweeping** jew MoU mal-Cleansing Department. Il-Kunsillier Sciberras qal li waqt jaqbel li tinħareġ tender, jiġu mitluba iżjed fondi lill-gvern għall-servizz aħjar. Fit-tender jkun hemm miktub li jrid ikun hemm 2 ħaddiema full time, il-kuntrattur jipprovdi l-makkinarju neċessarju għal tindif aħjar bħal air blower u jiġi mibgħut rapport kull ġimgħatejn. Il-Kunsill approva. Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras bħala l-Kunsillier responsabbli mill-ambjent qablu li tiġi organizzata laqgħa mal-kuntrattur preżenti nhar is-Sibt 15 ta' Marzu 2025 fl-10.30am. Is-Sindku infurmat li għas-Seduta tar-Reġjun, is-Sindki ġew informati li qed issir proġett dwar is-separazzjoni tal-iskart.

11.7.26 Is-Sindku infurmat li l-avukata Dr Vincienne Vella bagħtet l-ittra lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq u kopja lid-Dipartment tal-Gvern Lokali dwar l-issue tal-**Wasteserv** (Annex 12). Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk l-ittra ġietx mibgħuta reġistrata, u s-Sindku wieġbet li ser tiċċekkja.

11.7.27 Is-Sindku infurmat li beda x-xogħol fuq il-manutenzjoni tas-soqfa, tal-komun u tal-faċċata minn **Blokk 1 sa Blokk 7**, Triq il-Ġnien li kellu jinbeda wara li jitlesta x-xogħol fi Vjal Oleandri. Il-Kunsillier Sciberras talab li nitolbu lill-HA meta sabiex isiru l-installazjoni tal-liftijiet ġol-Blokok tal-H.A. Is-Sindku infurmat li ser nikkomunikaw mal-HA.

11.7.28 Is-Sindku irċeviet l-istima ta' €822.06 sabiex jitwaħħlu l-**lanterns** li ingħataw mill-Chinese Culture fil-courtyard ta' Ġnien is-Serenita u jinbidlu l-lanterns li hemm mkissrin fl-entratura. Il-Kunsill approva (Annex 13).

11.7.29 Is-Sindku infurmat li għall-**Memo 3-2025** il-Kunsill ser jgħin lill-MESA fir-Risk Assessment u l-Uffiċjali tat-Traffiku peress li ser niġu refunded mir-Reġjun Nofsinhar, l-ilma u l-użu ta' Ġnien is-Serenita mingħajr ħlas (memo annessa).

11.7.30 Is-Sindku resqet ir-rapport tal-Kunsillier Sciberras għall-**ekosistema naturali** għall-pond ta' Ġnien is-Serenita (Annex 14). Is-Sindku infurmat li ser tiċċekkja ma diversi entitajiet għall-għajnuna.

11.7.31 Is-Sindku talbet lid-DG Emil Vassallo min hu responsabbli **għas-sigurta** tar-residenti/lokalita', li ikkonferma li l-Pulizija huma primarjament responsabbli (Annex 15). Il-Kunsillier Sciberras talab li nidħlu fi djalogu mal-Ministeru tal-Intern sabiex tiżdied s-solverjanza u l-ħinijiet minħabba li f'Santa Luċija hawn id-Domestic Violence Hub. Is-Sindku infurmat li ser tiddiskuti mal-Community Police din it-talba. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li l-minuti għall-laqgħa li saret mal-**Community Police** nhar 26 ta' Frar 2025 ġew mgħoddija qabel is-Seduta (Annex 16) fejn irrimarkat li r-reserved tal-Community Police u kunsilliera ma tiġix abbużata.

11.7.32 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li l-pjanċi jridu jsir il-ħin kollhu fi x'ħin ma kienux qed jaħdmu fuq dik l-area l-ħaddiema fi **Vjal Oleandri** u jinħarġu l-penali lill-kuntratturi. Is-Sindku iċċarat li l-pellets saru minħabba li l-pjanċi kienu qed jiżolqu u l-IM toħroġ il-penali mhux il-Kunsill. Is-Sindku ikkonfermat li dawn il-kuntratturi kienu ta' IM u għalhekk il-kunsill ma setgħax joħroġ penali.

11.7.33 Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand IM sabiex titranġa l-akwata ta' **Triq Maria De Domenicis** k/m Triq Bruka k/m Triq Katarina Vitale. Is-Sindku infurmat li ser tiġi mibgħuta lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom kif ukoll ser titlob lill-IM ir-raġuni għal din il-bidla.

11.7.34 Is-Sindku rċeviet talba mingħand l-Active Ageing ta' Santa Luċija sabiex jinxtara rigal żgħir għal **Jum il-Mara**. Il-Kunsill approva.

**11.7.35** Is-Sindku infurmat li r-Reġjun Nofsinhar ser jħallas għat-trasport li ser jiġi organizzat mill-Kunsill Santa Luċija għall-festa ta' **San Girgor**.

**11.7.36** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill rċieva talba mingħand **Right 2 Smile** sabiex jorganizzaw clean up ġewwa Santa Luċija. Il-Kunsill approva.

Is-Sindku resqet mozzjoni li peress ser jinqabżu t-tlett siegħat, ser jiġu mgħoddija l-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Sciberras ressaq mozzjoni sabiex issir kontinwita tal-laqgħa tallum f'seduta oħra u jiżdiedu dawn l-items fl-Agenda:

- Civic Centre
- Parkeġġ f' Dawret it-Torri (wara l-laqgħa li tkun saret ma Santa Luċija FC)

Il-Kunsill approva, subject li jkun saret il-laqgħa informali qabel fuq iċ-ċentru ċiviku.

### 11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Fl-skeda ġew miżjuda 2 invoices ta' Antes Insurance għall-Insurance tal-attivita tal-Karnival u invoice tas-survey li sar tal-Gazebo. Il-Kunsillier Sciberras ppropona u l-Kunsilliera Debattista ssekondat l-iskeda.

Ġie issuġġeriet li l-ħaddiema jibdew jaħslu l-van tal-Kunsill.

### 10.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-8.55pm u ser titkompla nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Marzu 2025.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| ___________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |